MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 850/2001/1

**Joseph u Mary *sive* Marcelle konjugi Abela, Dr. Vincent u Marjorie koujugi Raimondo, Carmel u Lydia konjugi Farrugia, Joseph u Josephine konjugi Attard, Dr. Martin u Dr. Diane konjugi Balzan, Dr. Anthony u Marion konjugi Fenech, Maivis Bond, Vincent u Vona konjugi Harding. Cesare Lugo u Michael u Heather Selfe, Dr. Anthony u Anna konjugi Charles, Raymond u Carmen konjugi Caruana, John u Gladys konjugi Skewes, Hans u Blanca konjugi Scheidegger, Maria Testaferrata, Paul u Jessie konjugi Caruana, Johanna Carey Jones, Joseph u Beryl konjugi Lovatt, Stewart u Pat konjugi Miller, Emmanuel Falzon, Emmanuel u Bridget konjugi Calenti, Dennis u Therese konjugi Vella, Horst u Philyis konjugi Utpadel, Jane Attard Namrell, Emmanuel u Noelene konjugi Miggiani, Raymond u Jean konjugi Eccles, Prof. Franco u Maria Luisa konjugi Lanza.**

**-vs-**

**Mace Developments Limited, Carmelo, Joseph, Anthony u Nazzareno ahwa Farrugia, Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino, Joseph Gatt, Anthony Zarb, Theresa Azzopardi, Gernma Borg, Gaetano Véllla, Paul Gatt, Joanne Gatt, Francis Gatt, Mario Gatt. Attilio Suda u Anna Marie Formosa illum konjugi Suda, Edward Cassar, Francis Zammit, Tarcisio Gatt, Count Investments Co. Ltd, Maurice Scifo Diamantino, u Dr. Edwin 'Bonello, Joseph Formosa, Bank Of Valletta p.l.c., Dr. Rachel Bonello bhala stralcarju ta' Hawkins Development Trust Ltd. u c-Chairman tal-Planning Authority ghall kull interess li jista' jkollhom u b'tal-11 ta' Frar, 2005 l-Avukat Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja gew nominate kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti Theresa Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi bejniethom, kull wiehed mill-atturi huwa ko-propjetarju *pro indiviso* b'titolu ta' enfitewsi temporanju li jaghlaq mija u hamsin sena wara s-sbatax ta Ottubru, 1965, ta' sehem indiviz ta' wiehed minn mija. u sittin (1/160) tal-'*Communal Areas'* tal-*St*. *Thomas Bay Estate* (hekk imsejjah bhala 1-'*Apartment Development'*) mibni fuq art rnaghruf bhala 'Tal-Mahsel' fil-limiti ta' Marsaskala f'*St*. *Thomas Bay Estate* limiti ta Marsaskala liema proprjeta' hija immarkata bl-ahdar fuq il-pjanta mmarkata bl-ittra 'X' (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'A') annessa mal-kuntratt in atti Nutar *Maurice Gambin* tat-22 ta' Jannar, 1970 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'B').

Illi l-atturi kollha huma wkoll proprjetarji ta’ *flats* li huma inkorporati fil-*blokok* ta’ flats maghrufa bhala *Rundle Court*, *Clark Mansions, Grants Court* u *Grenfell Court,* liema blokok huma mmarkati bil-blu fi-imsemmi pjanta mmarkata bl-ittra ‘X’ u hawn annessa bhala Dok. A kif ukoll faq il-pjanta l-ohra li turi, b’sopramposizzjoni, xi uhud mill-kostruzzjonijiet li saru wara li giet preparata 1-pjanta originali (kopja hawn annessa u immarkata bhala Dokument C).

Illi ghalhekk 1-atturi kollha flimkien ghandhom sehem indiviz ta’ wiehed minn mija a sittin (1/160) kull wiehed u wahda mill-fuq imsemmi ‘*Communul Areas*’ u ghaldaqstant ghandhom interess illi din il-propjeta’ tibqa’ destinata ghall-uzu komuni u li ma jsir ebda zvilupp jew kostruzzjoni minghajr il-kunsens taghhom bhala kopropjetarji ta’ 1-istess. kif ukoll, kull wiehed mill-atturi bhala ko-propjetariu ta’ l-imsemmija propjeta’ ghandu d-dritt li jinqeda bl-istess propjeta’.

Illi din il-propjeta’ komuni qatt ma giet diviza u lanqas qatt kien mahsub li tigi diviza.

Illi perrnezz ta’ kuntratt in atti Nutar *Joseph Tabone* tal-24 ta’ Settembru, 1990 il-Lonvenuti *Dr. Edwin Bonello* u *Joseph Formosa* ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta *Mace Developments Limited* abuzivament u minghajr ebda dritt fill-fatt u fid-dritt, bieghu u trasferew lill-konvenuti ahwa Farrugia is-*sub utile dominium temporanium* ghaz-zniien li baqa’ mil-mija u hamsin sena fuq imsemmija, fost ohrajn ta 1-intier ta’ 1-art immarkat bl-ahmar fuq id-dokumenti ‘A’ u ‘C’ hawn annessi, liema art tikkonsisti f’zewg *plots* immarkati bin-numru 6S u 69 u li huma wkoll mmarkati bl-ahmar fil-pjanta immarkata bl-ittra ‘A’ annessa mal-kuntratt in atti Nutar *Joseph Tabone* (u li kopja tal-kuntratt kif ukoll tal-pjanta huma hawn aranessi wkoll u mmarkati bhala Dok. D1 u D2 rispettivament), kif ukoll ta’ xi *plots* ohra deskritti fi-istess kuntratt u specifikament il-plots bin-numri 1. 2, 3, 8, 9, 17, 18 u 19.

Illi din l-art in kwistjoni tifforma parti indiviza mill-*Communal Areas* ta l-*Apartment Development* u, apparti 1-fatt li kien dejjem mahsub li tibqa' bhala *Communal Areas* u bhala tali ma tigix zviluppata, 1-atturi ghandhom is-sehem ta' wiehed minn mija u sittin (1/160) kull wiehed u wahda indiviz minn din 1-art kif fuq inghad, u ghaldaqstant is-soejeta' konvenuta ma setghet qatt tittrasferixxi parti diviza minnha.

Illi jidher illi 1-konvenuti ahwa Farrugia zviluppaw u ghadhom qed jizviluppaw 1-art in kwistjoni b'kostruzzjoni ta' djar, *maisonettes* u garaxxijiet, u sahansitra qeghdin ibieghuha (jew jippruvaw ibieghuha) lill-terzi persuni, u dana b'mod li huwa esplicitament kontra 1-volonta' tal-protestanti bhala ko-propjetarji.

Illi l-konvenuti ahwa Farrugia ma setghu qatt jaghmlu tibdil fl-art in kwistjoni minghajr il-kunsens tal-komproprjetarji, u cioe 1-atturi, u wisq anqas ma setghu jizviluppawha jew b'xi mod jalterawha.

Illi permezz ta' kuntratt iehor in atti Nutar *Mark Coppini* tat-28 ta' April, 1994 il-konvenuti *Dr. Edwin Bonello u Joseph Formosa* ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, *Mace Developments Limited*, abuzivament u minghajr ebda dritt , bieghu u trasferew lill-konvenut Cornelius *sive* Maurice Scifu Diamantino, direttur kif ukoll azzjonista ta' l-istess socjeta', is-*sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa' mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, fost ohrajn 1-intier ta' 1-art immarkat bl-orangjo fuq id-Dokumenti 'A' a 'C' hawn annessi, liema art ghandu superficju ta' 1220.2 metri kwadri a jikkonsisti f'hames *plots* immarkati bin-numri 62, 63, 64, 65 u 66 u li huma wkoll mmarkati bl-iswed skur fil-pjanta irrmarkata bl-ittra 'A' annessa mal-kuntratt in atti Nutar *Mark Coppini*, u li kopja kemm tal-pjanta kif ukoll tal-kuntratt huma hawn annessi u mmarkati bhala Dokument 'E'.

Illi bi tlett kuntratti in atti Dr. Mark Coppini datati tnejn l-24 ta’ Settembru 1990 u l-iehor 23 ta’ Ottubru 1991 l-istess Maurice Diamantino akkwistaw parti ohra mil-art in kwistjoni li ghaliha japplikaw l-istess oggezzjonijiet (Dok E1, E2, E3).

Illi din l-art ukoll tifforma parti in<u>diviza</u> mill-*CommunalAreas* ta’ 1-*Apartment Development* li tieghu l-atturi ghandhom kull wiehed u wahda is-sehem ta’ wiehed minn mija u sittin (1/160) <u>indiviz</u> u ghaldaqstant is-socjeta’ konvenuta ma setghet qatt tittrasferixxi parti diviza minnha.

Illi permezz ta’ kuntratt iehor in atti Nutar *Joseph Tabone* tas-26 ta’ Marzu, 1990 il-konvenuti *Dr. Edwin Bonello* u *Joseph Formosa* ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta *Mace Developments Limited,* abuzivament u minghajr ebda dritt, bieghu u trasferew lill-konvenut Joseph Gatt 88/160 indiviz tas-*sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa’ mill-mija u hamsin sena faq immarkata bl-isfar fuq id-dokurnenti ‘A’ u C’ hawri annessi u li huwa wkoll immarkat bl-isfar w immarkata bil-kliem ‘Plot A’ fil-pjanta annessa mal-kuntratt in atti *Nutar Joseph Tabone*, u li kopja kemm tal-kuntratt kif ukoll tal-pjanta huma hawn annessi u mmarkati bhala Dokument ‘F’.

Illi permezz ta’ 1-istess kuntratt in atti *Nutar Joseph Tabone* tas-26 ta’ Marzu, l990 il-konvenuti *Dr. Edwin Bonello* u Joseph *Formosa* ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta *Mace Developments Limited,* abuzivamerit u minghajr ebda dritt, bieghu u trasferew lill-konvenuti Carmelo, Joseph, Anthony a Nazzareno lkoll ahwa Farrugia, 88/160 indiviz tas-*sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa’ mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta’ bicca art immarkata bir-roza fuq id-dokumenti ‘A’ u ‘C’ hawn annessi a li huwa wkoll mmarkat bl-ahmar w immarkata bil-kliem ‘Plot B’ fil-pjanta annessa mall-kuntratt immarkat bhala Dokument F hawn anness.

Illi din 1-art li giet trasferita lil-konvenut Joseph Gatt u lill-konvenuti ahwa Farrugia, tifforma parti indiviza mill-*Communal Areas* ta' 1-*Apartment Development* u l-atturi ghandhom kollettivament is-sehem ta' disgha u wiehed minn niija u sittin (1/160) indiviz kull wiehed u wahda minn din l-art kif fuq inghad, u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma setghet qatt tittrasferixxi l-parti diviza minnha.

Illi fil-propjeta' fuq imsemmija li giet trasferita lill-konvenut Gatt lill-konvenuti ahwa Farrugia gia saru xi kostruzzjonijiet (inkluz zewg *swimming pools)* kontra l-volonta' esplicitu ta' 1-atturi u, minn informazzjoni li ghandhom, 1-atturi jissuspettaw li 1-konvenut Gatt u 1-konvenuti ahwa Farrugia qed jipprovaw ikomplu jizviluppaw 1-imsemmija propjeta' u dan huwa wkoll esplicitament kontra 1-volonta' ta' 1-atturi.

Illi jidher ukoll illi 1-konvenut Anthony Zarb qieghed ukoll jizviluppa parti mill-propjeta komuni li fiha wkoll 1-atturi ghandhom sehem indivis kif fuq inghad b'kostruzzjoni ta garage u dana b'mod li huwa esplicitament kontra 1-volonta' tal-atturi bhala kopropjetarji.

Illi permezz ta' diversi kuntratti kif elenkati hawn taht is-socjeta' konvenuta *Mace Developments Limited,* abuzivament u minghajr ebda dritt bieghet u trasferiet lill-konvenuti Theresa Azzopardi, Gaetano Vella, Edward Cassar, Gemma Borg, Attilio Suda u Anna Marie Formosa, Paul Gatt, Joanne Gatt, Mario Gatt, Francis Gatt, Count Investments Co. Ltd., Francis Zammit Maurce Scifo Diamantino, Frank Cilia. Louis Brincat, Brian Tonna, Aldo Busuttil, Dr. Mario Sant, Philip Fenech u Tarcisio Gatt, diversi artijiet formanti parti mill-*Apartment Development* fuq imsemmi, u cioe':

1. perrmezz ta' kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-13 ta' Awissu, 1991 is-socjeta' konvenuta

Mace Developments Limited, trasferiet b'subkoncessjoni lill-

konvenuta Therese Azzopardi *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta' seba' porzjonijiet ta art kontigwi u fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisü f'seba' *plots* immarkati bin-numru tmienja u tletin (38), disgha u tletin (39), erbghin (40). wiehed u erbghin (41), .disgha u hamsin *(59),* sittin (60). wiehed u sittin (61) fi-istess kuntratt u li huma mmarkati bi-istess numri fis-site plan ippreparat mid-ditta ta' periti *Spiteri Staines and Associates;*

2. permezz ta' kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-13 ta' Awissu, 1991 is-socjeta' konvenuta Mace Developments Limited trasferiet b'subkoncessjoni lill-konvenut Gaetano Vella *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa' mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta' zewg porzjonijiet ta' art fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti f'zewg *plots* immarkati bin-numru tnejn u erbghin (42)u tlieta u erbghin (43) fi-istess kuntratt u li huma mmarkati bl-istess numri fis-site plan ippreparat mid-ditta ta' periti *Spiteri Staines and Associates;*

3. permezz ta' kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-20 ta' Awissu, 1991 is-socjeta' konvenuta Mace Developments Limited trasferiet b'subkoncessjoni enfitewtika temporanja hill-konvenut Edward Cassar *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa' mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta' porzjoni ta' art fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti *f'plot* immarkat bin-numru wiehed u hamsin *(51)* fi-istess kuntratt u li huwa mmarkat bl-istess numru fis-site plan ippreparat mid-ditta ta' periti *Spiteri Staines and Associates;*

4. permezz ta' kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-20 ta'

Awissu, 1991 is-socjeta' konvenuta Mace Developments Limited trasferiet b'subkoncessjoni enfitewtika temporanja lill-konvenuta Gemma Borg *is-sub utile dominium teinporanium* ghaz-zmien li baqa' mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta' porzjoni ta' art fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti *f'plot* immarkat bin-numru erbgha u erbghin (44) fl-istess kuntratt u li huwa mmarkat bl-istess numru fis-site plan ippreparat mid-ditta ta' periti *Spiteri Staines and Associates;*

5. permezz ta' kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-20 ta' Awissu, 1991 is-socjeta' konvenuta Mace Developments Limited trasferiet b'subkoncessjoni enfitewtika temporanja lill-konvenuti Attilio Suda u Anna Mane Formosa is-*sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa' mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta' porzjoni ta' art fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti *f'plot* immarkat bin-numru hamsin *(50)* fl-istess kuntratt u li huwa mmarkat bl-istess numru fis-site plan ippreparat mid-ditta ta' periti *Spiteri Staines and Associates;*

6. permezz ta' kuntratt in atti Nutar *Carmel Mangion* tal-27 ta' Awissu, 1991 is-socjeta' konvenuta Mace Developments Limited bieghet u trasferiet lill-konvenut Paul Gatt *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa' mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta' tlett porzjonijiet ta' art kontigwi u fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti f'tlett *plots* immarkati bin~numru hamsa u erbghin (45), sitta u erbghin (46), u seba u erbghin (47) fl-istess kuntratt u li huma mmarkati bl-istess numri fis-site plan ippreparat mid-ditta ta' periti *Spiteri Staines andAssociates;*

7. permezz ta’ kunratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-l0 ta’ Settembru, 1991 is-socjeta’ konvenuta Mace Developments Limited trasferiet b’subkoncessjoni enfitewtika temporanja lill-konvenuta Joanne Gatt *is-sub utile dominium tenzjxiranium* ghaz-zmien li baqa’ mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta’ porzjoni ta’ art fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti *f’plot* immarkat bin-numru tmienja u erbghin (48) fl-istess kuntratt u li huwa mmarkat bl-istess numru fis-site plan ippreparat mid-ditta ta’ periti *Spiteri Staines andAssociates;*

8. permezz ta’ kuntratt in atti Nutar *Carmel Mangion* tal-4 ta’ Ottubru, 1991 is-socjeta’ konvenuta Mace Developments Limited bieghet u trasferiet lill-konvenut Mario Gatt *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa’ mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta’ porzjoni ta’ art fabbrikabbli fl-*Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti *f’plot* immarkat bin-numru disgha u erbghin ittra A (49A) fl-istess kuntratt u li huwa mmarkat bl-istess numru fis-site plan ippreparat mid-ditta ta’ periti *Spiteri Staines and Associates;*

9. permezz ta’ kuntratt in atti Nutar *Carmel Mangion* tal-4 ta’ Ottubru, 1991 is-socjeta’ konvenuta Mace Developments Limited bieghet u trasferiet lill-konvenut Francis Gatt *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa’ mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta’ porzjoni ta’ art fabbrikabbhi fl-*Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti *f’plot* immarkat bin-numru disgha u erbghin (49) fi-istess kuntratt u li huwa mmarkat bl-istess numru fis-site plan ippreparat mid-ditta ta’ periti *Spiteri Staines and Associates;*

10. permezz ta' kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-28 ta' Novembru, 1991 is-socjeta' konvenuta Mace Developments Limited trasferiet b'subkoncessjoni lis-socjeta' konvenuta Count Investments Company Limited *'is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa' mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta' tlett porzjonijiet ta' art fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti f'tlett *plots* immarkati bin-numru. sitta u hamsin *(56),* sebgha u hamsin *(57)* u tmienja u hamsin (58) fl-istess kuntratt u li huma mmarkati bl-istess numri fis-site plan ippreparat mid-ditta ta' periti *Spiteri Staines and Associates;*

11. permezz ta' kuntratt in atti Nutar *John P. Hayman* tal-28 ta' Frar, 1992 is-socjeta' konvenuta Mace Developments Limited trasferiet b'subkoncessjoni enfitewtika temporanja lill-konvenut Francis Zammit *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa' mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta' porzjoni ta' art fabbrikabbhi *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti *f'plot* immarkat bin-numru tnejn u hamsin (52) fl-istess kuntratt u li huwa mmarkat bl-istess numru fis-site plan ippreparat mid-ditta ta' periti *Spiteri Staines and Associates;*

12. permezz ta' kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tat-12 ta' Mejju, 1992 is-socjeta' konvenuta Mace Developments Limited trasferiet b'subkoncessjoni enfitewtika temporanja lill-konvenut Tarcisio Gatt is-*sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa' mill-mija u hamisin sena fuq imsemmija ta' porzjonijiet ta' art fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti f'tlett *plots* immarkati bin-numru theta u hamsin (53). erbgha u hamsin (54) u hamsa u hamsin (55) fl-istess kuntratt u li huma mmarkati bl-istess numri fis-site plan ippreparat mid-ditta ta' periti *Spiteri Staines and Associates;*

13. permezz ta' kuntratt in atti Nutar *Mark Coppini* tat-23 ta' Ottubru, 1991 Dr. Edwin Bonello ghan-

nom u in rappresentanza tas-socjeta’ protestata Mace Developments Limited trasferixxa b’subkoncessjoni enfitewtika temporanja lill-protestat Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa’ mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta’ zewg porzjonijiet ta’ art fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, liema art jikkonsisti f’disa’ *plots* immarkati bin-numru tmienja u ghoxrin (28), disgha u ghoxrin (29), tletin (30), wiehed u tietin (31), tnejn u tletin (32), tlieta u tletin (33), erbgha u tletin (34), hamsa u tletin (35), u sitta u tletin (36) fl-istess kuntratt u li huma mmarkati bl-istess numri fis-site plan ippreparat mid-ditta ta’ periti *Spiteri Staines and Associates;*

14. permezz ta’ kuntratt in atti Nutar *Mark Coppini* tal-24 ta’ Settembru, 1990 Dr. Edwin Bonello u Joseph Formosa ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ protestata Mace Developments Limited trasferixew b’subkoncessjoni enfitewtika temporanja lill-protestat Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa’ mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta’ zewg porzjonijiet ta’ art fabbrikabbli *fl-Apartmer Development* fuq imsemmi, kif immarkat fil-pjanta annessa ma l-istess kuntratt u li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;

15. permezz ta’ kuntratt in atti Nutar *Mark Coppini* tat-24 ta’ Settembru, 1990 Dr. Edwin Bonehlo u Joseph Formosa ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ protestata Mace Developments Limited trasferixew b’subkoncessjoni enfitewtika temporanja lill-protestat Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa’ mill-mija u

hamsin sena fuq imsemmija, ta’ zewg porzjonijiet ta’ art fabbrikabbli *fl-Apartment Development* fuq imsemmi, kif immarkat fil-pjanta annessa ma’ l-istess kuntratt u li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

16. permezz ta' kuntratt in atti Nutar *Mark Coppini* tat-23 ta' Ottubru, 1991 is-socjeta' protestata Mace Developments Limited trasferixew b'subkoncessjoni enfitewtika temporanja lill-protestat Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino *is-sub utile dominium temporanium* ghaz-zmien li baqa' mill-mija u hamsin sena fuq imsemmija, ta' porzjoni ta' art fabbrikabbli fl-*Apartment Development* fuq imsemmi, kif immarkat fil-pjanta annessa ma' 1-istess kuntratt;

Illi 1-artijiet fuq imsemmija jew partijiet minnhom jifformaw parti <u>indiviza</u> *mill-Communal Areas* ta' *1-Apartment Development* u, apparti l-fatt li kien dejjem mahsub li tibqaw bhala *Communal Areas* u bhala tali ma jigux zviluppati, l-atturi ghandhom kollettivament is-sehem ta' disgha u ghoxrin minn mija u sittin <u>indiviz</u> minn din 1-art kif fuq inghad, u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma. Setghhet qatt tittrasferixxi parti diviza minnha.

Illi l-art fuq imsemmija kienet dejjem mahsuba li tibqa' bhala *Communal Areas* u bhala tali ma tigix zviluppata, u ghalhekk il-konvenuti ma setghu qatt jizviluppawha jew b'xi mod jalterawha, minghajr il-kunsens ta' 1-atturi li huma ilkoll ko-propjetarji.

Illi minn investigazzjonijiet li ghamlu 1-atturi gia rrizultalhom illi fl-artijiet fuq imsemmija kif ukoll fi bnadi ohra tal-propjeta' komuni, li fiha kull wiehed mill-atturi ghandu sehem indiviz ta' 1/160 kif fuq intqal, saru diversi kostruzzjonijiet, u sahansitra li qed isiru tentattivi mis-socjeta' konvenuta *Mace Developments*

*Limited* u minn terza persuni li l-propjeta' komuni fuq imsemmija tigi zviluppata b'kostruzzjoni ta' djar, *maisonettes* u garaxxijiet, u l-propjeta' qed tigi anke offruta ghall-bejgh bhala tali.

Illi 1-agir tal-konvenuti kif fuq espost sar b'qerq, u bl-intenzjoni li 1-atturi jigu defrawdati mid-drittijiet taghhom.

Illi dan 1-agir jikkostitwixxi abbuz serju u, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, jirreka dannu u hsara konsiderevoli lill-atturi, inkluz teif fuq valur tal-propjeta' taghhom u jinkludi wkoll id-drittijiet taghhom bhala ko-propjetarji tal-partijiet komuni tal-fuq imsemmija propjeta'.

Illi s-socjeta' konvenuta li minn ghandha akkwistaw il-konvenuti ahwa Farrugia, il-konvenut Joseph Gatt, i1-konvenut Maurice give Scifo Diamantino u 1-konvenuti 1-ohra Theresa Azzopardi, Gemma Borg, Gaetano Vella, Paul Gatt, Joanne Gatt, Francis Gatt, Mario Gatt, Attilio Suda u Anna Marie Formosa illum konjugi Suda. Edward Cassar, Francis Zammit, Tarcisio Gatt, Count Investments Co. Ltd., Maurice Scifo Diamantino, Frank Cilia, Louis Brincat. Brian Tonna, Aldo Busuttil, Dr. Mario Sant u Philip Fenech, jidher li ma kellhiex iktar minn sehem ta' 88/160 indiviz tal *-Communal Areas* xi tbiegh, u ghaldaqstant dawn it-trasferimenti saru b'mod abuziv u llegali u jilledu d-drittijiet ta' 1-atturi bhala ko-propjetarji.

Illi kagun ta' dawn it-trasferimenti kollha li saru b'mod abusiv u kontra d-drittijiet ta' 1-atturi u kagun ukoll tal-kostruzzjonijiet varji li saru fuq 1-art hekk trasferit abusivament, *il-Communal Area* li tieghu 1-atturi huma 1-ko-propjetarji kif fuq inghad gie ridott b'mod drastiku minn circa 21341.46 $m^2$ ghal circa 8899.75$m^2$ (jigifieri circa 58.3% inqas milli suppost) u dana kif johrog mir-rapport ikkummisjonat mill-atturi u ppreparat mill-Pent Ronald Muscat Azzopardi u li kopja tieghu hawn annessa u mmarkata bhala Dok. K.

Illi nonostante li uhud mill-konvenuti gew interpellati anki permezz ta' tlett protesti gudizzjarji pprezentati fis-27 ta' Marzu, 2000, fil-5 ta' April, 2000 u fil-5 ta' Jannar, 2000 sabiex jersqu ghar-rexizjoni tal-kuntratti fuq imsemmija u

ta’ kwalsiasi kuntratt iehor li sar fil-konfront tal-proprjeta’ komuni, u sabiex
jirripristinaw 1-fondi ghall-istat li kienu fih qabel, il-konvenuti baqghu inadempjenti

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;
-
(i)Tiddikjara u tiddeciedi illi 1-art jew partijiet minnha li gew trasferiti permezz tal-kuntratti fuq imsemmija, u cioe’ il-kuntratt in atti Nutar *Joseph Tabone* tal-24 ta’ Settembru, 1990, il-kuntratt in atti Nutar *Mark Coppini* tat-28 ta’ April, 1994 u 1-kuntratt in atti Nutar *Joseph Tabone* tas-26 ta’ Marzu, 1990, iz-zewg kuntratti in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-13 ta’ Awissu, 1991, it-tlett kuntratti in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-20 ta’ Awissu, 1991, il-kuntratt in atti Nutar *Carmel Mangion* tal-27 ta’ Awissu, 1991, il-kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-l0 ta’ Settembru, 1991, iz-zewg kuntratti in atti Nutar*Carmel Mangion* tal-4 ta’ Ottubru, 1991, il-kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-28 ta’ Novembru, 1991, il-kuntratt in atti Nutar *John P. Hayman* tal-28 ta’ Frar, 1992, il-kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tat-12 ta’ Mejju, 1992, il-kuntratt in atti Nutar *Mark Coppini* tat-23 ta’ Ottubru, 1991, il-kuntratt in atti Nutar Mark Coppini tat-24 ta’Settembru 1990, il-kuntratt in atti Nutar Mark Coppini tat-24 ta’ Settembru 1990, il-kuntratt in atti Nutar *Mark Coppini* tat-23 ta’ Ottubru, 1991, il-kuntratt in atti Nutar *John Gambin* tat-3 ta’ Settembru, 1991, il-kuntratt in atti Nutar *Joseph Sciberras* tal-14 ta’ Ottubru. 1991, il-kuntratt in atti Nutar *Pierre Cassar* tal-7 ta’ Ottubru, 1991. il-kuntratt in atti Nutar *Anthony Grech Trapani* tas-17 ta’ Dicembru, 1991, il-kuntratt in atti Nutar *Mario .Bugeja* tal-4 ta’Jannar, 1992, il-kuntratt

in atti Nutar *H.Cassar* tal-27 ta’ Marzu, 1992 u l-kuntratt in atti Nutar *H.Cassar* tas-6 ta’ Novembru, 1992 jiffurmaw parti mill-art komuni *(il-Communal Area)* li tieghu kull wiehed mill-atturi huwa ko-propjetarju *pro indiviso* b’titolu ta’enfitewsi temporanju ta’ sehem indiviz ta’ wiehed minn

mija u sittin (1/160) u li konsegwentement tiddikara u tiddeciedi illi kull wiehed mill-atturi ghandu d-dritt inter alia li jinqeda' bl-istess propjeta' komuni;

(ii) Konsegwentment tiddikjara u tiddeciedi illi 1-kuntratti kollha fuq inisemmija saru kontra 1-ligi u hi hsara ghall-jeddijiet ta' 1-atturi;

(iii) Konsegwenternerit tiddikjara lill-kuntratti kollha fuq imsemmija bhala nulli u bla effetti u tordna t-thassir, rexissjoni u annullarnent ta' 1-imsemmija kuntratti;

(iv) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minahorn biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dina 1-Oriorabbli qorti jersqu ghall-publikazzjoni ta' 1-atti notarili ta' rexissjoni tal-kuntratti kollha fuq imsemmija;

(v) Tinnomina nutar sabiex jippublika 1-atti ta' rexissjoni opportuni fid-data, hin u lok li jigu stabbiliti minn dina 1-Onorabbli Qorti, u tinnomina wkoll kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fi-istess atti;

(vi) Tikkundanna 1-konvenuti jew min minnhom sabiex iwaqqghu u jnehhu kull opra u kostruzzjoni li tellaw fuq 1-istess art komuni fi zmieri qasir u perentorju li jigi lilhom piefiss minn dina 1-Onorabbli Qorti jew f'kaz ta' inadempjenza fiz-zmien hekk moghti, tawtorizza lill-atturi cabiex jaghmlu x-xogholijiet necessarji huma a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom;

(vii) tinibixxi definitivament lill-konvenuti jew min minnhom milli jkomplu jibnu bi kwalunkwe mod, jew jaghmlu xogholijiet, fuq 1-istess art komuni.

BI-ispejjez, inkluz dawk tat-tlett protesti fuq imsemmija u 1-imghaxijiet legali kontra 1-konvenuti li huma minn issa

ngunti ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghall kull azzjoni ohra spettanti till-lill-atturi, senjatament dik ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Edward Cassar, Gemma Borg, Attilio Suda u Anna Marie Formosa illum konjugi Suda, Paul Gatt, Joanne Gatt, Mario Gatt, Francis Gatt, Francis Zammit, Tarcisio Gatt u Gaetano Vella ipprezentata fis-27 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha eccepew;

In linja preliminari in-nullita tac-citazzjoni bhala citazzjoni kollettiva;

In linja preliminari in-nullita tac-citazzjoni billi l-paragrafi tad-dikjarazzjoni ma humiex korrettement enumerati;

In linja preliminari wkoll in-nullita tat-talbiet in kwantu jippretendu li xi kuntratti huma nulli;

In linja prelimari bhala allegati ko-proprjetarji tal-art mal-konvenuti t-talbiet tal-atturi kif proposti huma insostenibbli u se maj kellhom dritt jitolbu d-divizjoni;

Fil-meritu illi l-akkwist tal-konvenuti huwa validu u effettiv u l-atturi ma ghandhomx sehem mill-proprjeta minnhom akkwistat kif huma qieghdin jallegaw;

Fil-meritu ukoll illi l-akkwist mill-konvenuti u l-bini successivi fuq l-istess artijiet sar in bwona fede u ghalhekk l-konvenuti

ghandhom dritt li jigu protetti fid-drittijiet minnhom akkwistati u spejjez minnhom inkorsi;

Illi c-citazzjoni tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Formosa u Bank of Valletta p.l.c. ipprezentata fis-27 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha eccepew;

1. Illi it-talbiet attrici in kwantu huma diretti kontra is-socjeta konvenuta u il-konvenut eccippjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li huma ma humiex il-legittimi kontradittturi tal-atturi.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ipprezentata fit-28 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha eccepixxiet;

1. Illi t-talbiet attrici hekk kif formolati fic-citazzjoni huma insostenibbli fil-konfront tal-Awtorita' tal-Ippjanar stante illi l-fatti u t-talbiet dedotti fic-citazzjoni ma huma bl-ebda mod diretti jew koncernanti lill-istess Awtorita' konvenuta u ghalhekk l-Awtorita' tal-Ippjanar ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl ispejjes kontra l-istess attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dr. Edwin Bonello u l-Avukat Dr. Rachael Bonello bhala stralcarju ta' Hawkins Development Trust Ltdipprezentata fit-28 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha eccepew;

1. Illi preliminarjament il-konvenut Dottor Edwin Bonello ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, stanti li hu fil-vesti tieghu personali la qatt kien azzjonist fil-kumpanija Mace Developments Limited u lanqas qatt ma kien proprjetarju ta ebda parti mill-art in kwistjoni;

2 Illi l-kuntratti ta bejgh imsemmija fic-citazzjoni de quo saru mis-socjeta Mace Developments Limited li ghaliha kien jidher ghan-nom taghha Dottor Edwin Bonello kif kien debitament awtorizzat, flimkien ma terzi, u ghalhekk hu personalment m'ghandu x'jaqsam xejn u ma ghandu ebda ness personali fil-kas in kwistjoni;

3. Illi l-konvenuta Dottor Rachael Bonello bhala stralcarju ta Hawkins Development Trust Ltd ghandha tigi liberata mill-osservanza talgudizzju stanti li l-imsemmija socjeta qatt ma kienet proprjetarja ta ebda parti mill-art in kwistjoni izda kienet biss azzjonista fis-socjeta konvenuta Mace Developments Limited liema socjeta ghandha entita legalment separata minn dik ta l-azzjonisti u d-diretturi taghha;

4 Illi di pju s-socjeta Hawkins Development Trust Ltd kienet bieghet Iishma taghha fis-socjeta Mace Developments Limited skond ktf jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk zgur m'ghanda ebda nteress jew lokus standi fil-kawza de quo.

5. Illi rninghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta konvenuta Mace Develooments Limited kellha kull dritt tbiegh il-proprjeta li fuqha qieghdin jilmentaw l-atturi, u dan kif jigi ppruvat waqt t-trattazzjoni talkawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino ipprezentata fit-2 ta' Lulju, 2001 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi 1-esponent gie mharrek bhala konvenut f'din l-istanza darbtejn, u cjoe' bhala konvenut bi-isem ta' Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino u kif ukoll bhala konvenut separat bi-isem Maurice Scifo Diamantino. Ghaldaqstant, 1-esponent jitlob illi jigi iliberat mill-osservanza tal-gudizzju f'din l-istanza ghas-spejjez tal-atturi, billi ma jistax jigi mharrek darbtejn bhala konvenut fi-istess kawza;

2. Illi, in linea preliminari, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, ic-citazzjoni attrici hija nulla billi ma tissodisfax ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fil-ligi sabiex tigi pprezentata bhala azzjoni kollettiva;

3. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, ic-citazzjoni attrici hija nulla, in kwantu giet intavolata minn numru ta' atturi illi huma assenti minn Malta u li ma humiex debitament rapprezentati fi-atti odjerni;

4. Illi, in linea prelimmari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, l-azzjoni attrici

hija insostenibbli, in kwantu diretta ghar-rexxissjoni ta' numru ta' kuntratti elenkati fic-citazzjoni odjerna, billi ebda wiehed mil-kuntratti msemmija ma qieghed jizvesta lill-atturi mill-proprjeta' allegata minnhom ta' sehem minn '1 hekk iinsejha *Communal Areas;*

5. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, l-eccipjent jissolleva in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju f'din l-istanza, billi l-azzjoni odjerna ma gietx intavolata fil-konfront tal-proprjetarji kollha illi attwalment jippossjedu xi porzjoni mill-artijiet kollha, ossija xi zvilupp li sar fuqhom, illi skond it-tezi attrici ghandhom jitqiesu li jifformaw parti integrali mill-*Communal Areas* riferuti fil-premessi attrici.

6. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, ic-citazzjoni attrici hija nulla billi ma fihiex tifsira cara u sewwa tal-oggett u r-raguni ghat-talbiet attrici illi, bil-mod li gew promossi ma jinkonformawx mal-premessi attrici kif kontenuti fi-istess citazzjoni. Bizzejjed isemmi 1-esponent illi filwaqt illi 1-atturi qed jibbazaw l-azzjoni odjerna fuq l-allegazzjoni illi nbiegh is-sehem taghhom minn *Communal Areas* illi 1-istess atturi qed jidentifikaw permezz ta' pjanti annessi mac-citazzjoni attrici, fit-talbiet taghhom izda 1-istess atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita u l-konsegwenti rexxissjoni ta' numru ta' kuntratti illi jinvolvu t-trasferiment, sew jekk in toto jew in parte, ta' artijiet illi ma jaqghux fil-konfini tal-istess *Communal Areas* kif identifikati mill-atturi;

7. Illi, in linea preliniinari wkoll, u minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, izda ghall-istess ragunijiet spjegati fl-eccezzjoni precedenti, l-azzjoni attrici hija insostenibbli billi tinkorpora fiha

talbiet ghan-nullita' u konsegwenti rexxissjoni ta' kuntratti ta' trasferiment ta' porzjonijiet ta' art illi ma jaqghux, uhud in toto u ohrajn in parte, fll-konfini ta' dak illi l-atturi qeghdin isejhu bhala 1-*Communal Areas* illi minnhom 1-istess atturi qeghdin jallegaw sehem indiviz;

8. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 1222 tal-Kodici Civli, in kwantu huma diretti bhala azzjoni ghar-rexxissjoni ta’ kuntratti, ibbazata fuq 1-allegat eghmil doluz tal-eccipjent; u fi kwalunkwe kaz bil-preskrizzjonijiet itwal kontemplati mill-ligi;

9. Illi, in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, kull wiehed mill-atturi ghandu, qabel xejn, jaghti 1-prova mehtiega, u kontestata mill-eccipjent, tat-titolu allegat minn kull wiehed millatturi f’din il-kawza illi huwa/hija 1-proprjetarja ta’ *flat* inkorporat fil-blokok ta’ *flats* imsemmija fic-citazzjoni attrici. Din l-eccezzjoni qed titressaq b’rizerva ghal kull eccezzjoni ulterjuri illi 1-eccipjent jista’ jhoss il-htiega illi jressaq wara li jkun ha konjizzjoni u ezamina 1-prova dokumentarja mehtiega u essenzjali sabiex tissahhah din l-allegazzjoni attrici, u f’liema rigward il-ligi procedurali tirrikjedi illi ghandha tigi ezebita minnufih;

10. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, 1-eccipjent jitlob ulterjorment illi kull attur f’din il-kawza ghandu, qabel xejn, iressaq prova separata, kontestata mill-eccipjent, tat-titolu u 1-provenjenza fl-istess titolu ta’ dak is-sehem indiviz illi kull wiehed mill-atturi allegatament xtara *in bwona fede* minn ‘1 hekk imsejha *Communal Areas* ta’ ‘1 hekk iinsejjah *Apartment Development* fl-hekk imsejjah *St Thomas Bay Estate.* Din l-eccezzjoni

qed titressaq b’rizerva ghal kull eccezzjoni ulterjuri illi l-eccipjent jista’ jhoss il-htiega illi jressaq wara li jkun ha konjizzjoni u ezamina 1-prova dokumentarja mehtiega u essenzjali sabiex tissahhah din 1-allegazzjoni attrici, u dana partikolarment fid-dawl tal-prova li ser tingieb fli-kors tat-trattazzjoni tal-kawza odjerna illi fiz-zmien tal-akkwist, sew mill-esponent u sew

minn kull wiehed mill-atturi odjerni, jew il-maggor parti taghhom, 1-hekk imsejjah *“Apartment Development”* u *“St Thomas Bay Estate”* ma kienx ghadhom jezistu in segwitu ghall-ordnijiet u decizjonijiet mabruga minn awtoritajiet u/jew dipartimenti governattivi gja’ ezistenti;

11. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, l-azzjoni attrici hija insostenibbli billi 1-atturi, jew il-maggor parti minnhom, ma setghu qatt akkwistaw *in bwona fede,* sehem fi proprjeta’ jew progett illi ma kienx jezisti fil-mument tal-akkwist taghhom;

12. Illi, minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu respinti, bl--ispejjez kontra 1-atturi, stante illi, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-provi f’din 1-istanza, is-socjeta’ Mace Developments Limited ma setghetx u ragjonevolment ghalhekk ma riditx appozitament li tintrabat, fuq kull kuntratt ta’ koncessjoni originali maghmula favur is-serje ta’ awturi tal-atturi (ara ukoll document ‘B’ ezebit mac-citazzjoni attrici), b’mod illi jkollha tippreciza f’liema patti mill-estensjoni ta’ art in kwestjoni kien bi hsiebha li tizviluppa jew li ma tizviluppax; ossija kif u meta kien bi hsiebha li tizviluppa ossija li tispecifika l-kejl jew il-proporzjon ta’ dik il-porzjoni mill-istess estensjoni ta’ art li kienet ser tkun intiza ghall-uzu komuni - tant li favur taghha ukoll certi drittijiet li jirrizultaw mill-istess atti ta’ koncessjonijiet originali;

13. Illi minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, u fuq il-meritu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra 1-istess atturi billi, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza, l-akkwist tal-esponent huwa validu u effettiv u l-atturi ma ghandhom l-ebda sehem mill-proprjeta’ akkwistata mill-istess esponent;

14. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-akkwist tal-esponent sar *in bwona fede* u ghalhekk 1-

esponent ghandu kull dritt illi jigi protett fid-drittijiet minnhu akkwistati u spejjez minnhu inkorsi;

15. Illi, mingliajr pregudizzju ghal kull eccezzjom ohra hawn sollevata, u fuq il-meritu, it-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra 1-istess atturi billi, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza, 1-istess talbiet huma bbazati fuq premessi infondati fil-fatt u fid-dritt;

16. Salvi eccezzjomjiet okra li jistghu talvolta jkunu necessarji wara li s-socjeta' eccipjenti tkun hadet konjizzjoni u ezaminat id-dokumenti tat-titolu pretiz minn kull wiehed mill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt ipprezentata fit-2 ta' Lulju, 2001 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi preliminarjament jigi umilment eccepiet illi t-talbiet attrici kif formulati mhumiex korretti u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi stante illi se mai huma kellhom jitolbu l-korrezzjoni tal-kuntratti relattivi ghall-konvenuti odjerni jekk jigu accettati 1-pretenzjonijiet li qeghdin jigu vantati mill-atturi fil-kawza odjerna u ghalhekk il-kawza ghandha tieqaf hawn;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux minnu dak li qieghed jigi allegat mill-atturi li 1-kuntratti saru kontra 1-ligi u ghalhekk huma nulli u minghajr effett u dan ghaliex il-kuntratti relattivi ghall-konvenuti odjerni saru ai termini talArtikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta u ma hemm ebda wahda mill-kundizzjonijiet espressi f'dan 1-artikolu li hija niesqa mill-imsemmija kuntratti relattivi ghall-konvenuti odjerni;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju jrid jigi stabbiliet liema huma dawn il-'Communal Areas" li 1-atturi

qeghdin jikkontendu li huma esistenti kif qieghed jinghad fil-premessi fic-citazzjoni ppresentata minnhom;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak li diga inghad it-talbiet l-ohra ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi;

5. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Mace Developments Limited ipprezentata fit-2 ta’ Lulju, 2001 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi, in linea prelüninari, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, ic-citazzjoni attrici hija nulla billi ma tissodisfax ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fil-ligi sabiex tigi pprezentata bhala azzjoni kollettiva;

2. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, ic-citazzjoni attrici hija nulla, in kwantu giet intavolata minn numru ta’ atturi illi huma assenti minn Malta u li ma humiex debitament rapprezentati fl-atti odjerni;

3. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, 1-azzjoni attrici hija insostenibbli, in kwantu diretta ghar-rexxissjoni ta’ numru ta’ kuntratti elenkati fic-citazzjoni odjerna, billi ebda wiehed mil-kuntratti imsemmija ma qieghed jizvesta lill-attori miil-proprjeta’ allegata minnhom ta’ sehem minn ‘1 hekk imsejha *Communal Areas;*

4. Illi, in linea preiiminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn

sollevata, l-eccipjent jissolleva in-nuqqas ta’ integrita’ tal-gudizzju f’din l-istanza, billi l-azzjoni odjerna ma gietx intavolata fil-konfront tal-proprjetarji kollha illi attwalment jippossjedu xi porzjoni mili-artijiet koliha, ossija xi zvilupp li sar fuqhom, illi skond it-tezi attrici ghandhom jitqiesu li jifformaw patti integrali mill-*Communal Areas* nferuti fli-premessi attrici.

5. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, ic-citazzjoni attrici hija nulla billi ma fihiex tifsira cara u sewwa tal-oggett u r-raguni ghat-talbiet attrici illi, bil-mod li gew promossi ma jinkonformawx mal-premessi attrici kif kontenuti fl-istess citazzjoni. Bizzejjed issemmi s-socjeta’ esponenti illi filwaqt illi l-atturi qed jibbazaw 1-azzjoni odjerna fuq l-allegazzjoni illi nbiegh is-sehem taghhom minn *Communal Areas* illi 1-istess atturi qed jidentifikaw permezz ta’ pjanti annessi mac-citazzjoni attrici, fit-talbiet taghhom izda l-istess atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta’ nullita u l-konsegwenti rexxissjoni ta’ numru ta’ kuntratti illi jinvolvu t-trasferiment, sew jekk in toto jew in parte, ta’ artijiet illi ma jaqghux fil-konfini tal-istess *Communal Areas* kif identifikati mill-atturi;

6. Illi, in linea preliminari wkoll, u minghajr pregudizzju

ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, izda ghall-istess ragunijiet spjegati fl-eccezzjonijiet precedenti, l-azzjoni attrici hija insostenibbli billi tinkorpora fiha talbiet ghan-nullita’ u konsegwenti rexxissjoni ta’ kuntratti ta’ trasferiment ta’ porzjonjiet ta’ art illi ma jaqghhux, uhud in toto u ohrajn in parte, fil-konfini ta’ dak illi 1-atturi qeghdin isejhu bhala l-*Communal Areas* illi minnhom 1-istess atturi qeghdin jallegaw sehem indiviz;

7. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-

Artikolu 1222 tal-Kodici Civili, in kwantu huma diretti bhala azzjoni ghar-rexxissjoni ta' kuntratti, ibbazata fuq 1-allegat eghmil doluz tal-eccipjent; u fi kwalunkwe kaz bil-preskrizzjonijiet itwal kontemplati mill-ligi:

8. Illi, in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, kull wiehed mill-atturi ghandu, qabel xejn, jaghti l-prova mehtiega u kontestata mis-socjeta' eccipjenti, tat-titolu allegat minn kull wiehed mill-atturi f'din il-kawza illi huwa/hija l-proprjetarja ta' *fiat* inkorporat fil-blokok ta' *flats* imsemmuja fic-citazzjoni attrici. Din l-eccezzjoni qed titressaq b'rizerva ghal kull eccezzjoni ulterjuri illi s--socjeta' eccipjenti tista' thoss il-htiega illi tressaq wara li jkun hadet konjizzjoni u ezaminat il-prova dokumentarja mehtiega u essenzjali sabiex tissahhah din l-allegazzjoni attrici, u f'liema rigward il-ligi procedurali tirrikjedi illi ghandha tigi ezebita minnufih. Din l-eccezzjoni qed tinghata wkoll espressament minghajr ebda pregudizzju ghal kull dritt spettanti lis-socjeta' esponenti fil-konfront tal-atturi, jew ta' min minnhom, derivanti min-nuqqas taghhom illi jipprovdu lill-istess socjeta' eccipjenti, kif kienu tenuti li jaghmlu kuntrattwalment, bi tlett kopji legali tal-kopji tal-akkwist taghhom;

9. Illi, in linea preliminani wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, is-socjeta' eccipjenti jitlob ulterjorment illi kull attur f'din il-kawza ghandu, qabel xejn, iressaq prova separata, kontestata mill-eccipjent, tat-titolu u l-provenjenza fl-istess titolu ta' dak is-sehem indiviz illi kull wiehed mill-atturi allegatament xtara *in bwona fede* minn '1 hekk imsejha *Communal Areas* ta' '1 hekk imsejjah *Apartment Development* fl-hekk imsejjah *St Thomas Bay Estate.* Din 1-titressaq b'rizerva ghal kull eccezzjoni ulterjuri illi s-socjeta' eccipjenti tista' thoss il-htiega illi tressaq wara ii jkun hadet konjizzjoni u ezaminat il-prova dokumentarja mehtiega u essenzjali sabiex tissahhah din l-allegazzjoni attrici, u dana partikolarment fid-dawl tal-

prova li ser tingieb fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza odjerna illi fizzmien tat-trasferimenti in ezami, sew mis-socjeta' esponenti u sew favur kull wiehed mill-atturi odjerni, jew il-maggor patti taghhom, l-hekk imsejjah *"Apartment Development"* u *"St Thomas Bay Estate"* ma kienux ghadhom jezistu in segwitu ghall-ordnijiet u decizjonijiet mahruga minn awtoritajiet u/jew dipartimenti governattivi gja' ezistenti. Din 1-eccezzjoni qed tinghata wkoll espressament minghajr ebda pregudizzju ghal kull dnitt spettanti lis-socjeta' esponenti fil-konfront tal-atturi, jew ta' min minnhom, derivanti min-nuqqas taghhom illi jipprovdu lill-istess socjeta' eccipjenti, kif kienu tenuti li jaghmlu kuntrattwalment, bi tlett kopji legali tal-kopji tal-akkwist taghhom;

10. Illi, in linea preliminani wkoll, izda minghajr pregudizzju ghal kusll eccezzjoni ohra hawn sollevata, l-azzjoni attrici hija insostenibbli billi 1-atturi jew il-maggor parti minnhom, ma setghu qatt akkwistaw *in bwona fede*, sehem fi proprjeta' jew progett ilii ma kienx jezisti fil-mument talakkwist taghhom;

11. Illi, minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, it-talbiet attrici huma nfondati fll-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra 1-atturi, stante illi, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-provi f'din 1-istanza, is-socjeta' eccipjenti ma setghetx u ragjonevolment ghalhekk ma riditx appozitament li tintrabat, fuq kull kuntratt ta' koncessjoni originali maghmula favur is-serje ta' awturi tal-atturi (ara <u>ukoll</u> document 'B ezebit mac-citazzjoni attrici), b'mod illi jkollha tippreciza fliema patti mill-estensjoni ta' art in kwestjoni kien bi hsiebha li tizviluppa jew li ma tizviluppax; ossija kif u meta kien bi hsiebha li tizviluppa, ossija li tispecifika il-kejl jew il-proporzjon ta' dik il-porzjoni mill-istess estensjoni ta' art li kienet ser tkun intiza ghall-uzu komuni - tant li irrizervat favut taghha ukoll certi drittijiet li jirrizultaw mill-istess atti ta' koncessjonijiet originaii;

12. Iiii, minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohm hawn solievata, u fuq il-meritu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dnitt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontral-istess atturi billi, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza, it-trasferimenti kollha li saru mis-socjeta' esponenti huma validi u effettivi;

13. Illi, minghajr pregudizzju ghal kull eccezzjoni ohra hawn sollevata, u fuq il-meritu, it-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess atturi billi, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza, l-istess talbiet huma bbazati fuq premessi infondati fil-fatt u fid-dritt;

14. Salvi eccezzjonijiet ohra li jistghu talvolta jkunu necessarji wara li s-socjeta' eccipjenti tkun hadet konjizzjoni u ezaminat id-dokumenti tat-titolu pretiz minn kull wiehed mill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo, Joseph, Anthony u Nazzareno ahwa Farrugia ipprezentata fis-6 ta' Lulju, 2001 li permezz taghha eccepew;

1. Illi preliminarjament l-atturi ghandhom, permess ta' dokumenti ufficcjali, isostnu l-allegazzjoni taghhom li huma ko proprjetarji ta l-art minnhom indikata fl-att tac-citazzjoni b'mod partikolari fejn jirrigwarda l-esponenti.

2. In-nullita tac-citazzjoni kwantu giet presentata sabiex tissodisfa r-rekwizit tal-ligi f'kaz li 1-Mandat ta Inibizzjoni Nru *1453/0* presentat kontestwalment mac-citazzjoni odjerna aktar il-fuq precitata stante illi t-talbiet kif formulati fil-mandat appena

ndikat ma jissodisfawx ir-rekwiziti tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

3. Illi 1-azzjoni odjerna, fil-konfront ta 1-esponenti, hija ntempestiva, irrita u nulla stante illi 1-atturi, qabel jmtavolaw il-kawza odjerna, kellhom qabel xejn, jitolbu divizjoni ta l-art allegatament detenuta n komun sabiex jigi stabilit il-porzjon ta kulhadd u wara dan biss jista jinghad dak li qieghed jigi allegat fl-att tac-citazzjoni fil-konfront ta 1-esponenti.

4. Illi 1-allegazzjoni ta 1-atturi li xi parti mill-art akwistata mil-esponenti kienet dejjem mahsuba li tibqa bhala Communal areas ghandha tigi stabilita permezz ta dokumenti ufficjali li juru (a) l-Awtorita kompetenti li hareget din 1-ordni, (b) u se mai, jekk hu l-kaz, ghadhiex in vigore.

5. Illi mingahjr pregudizzju ghas-suespost, ma hux minnu ii 1-esponenti ghadhom qeghdin jezegwixxu xi forma ta zvilupp kif qieghed jigi allegat u ghaldaqstant huwa evidenti li 1-atturi qeghdin jikkonfondu lil esponenti ma persuni ohra ghal liema raguni ghandhom jigu liberati mil-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-atturi.

6. Illi meta l-esponenti xtraw u akwistaw permezz tal-kuntratt ta 1-24 ta Settembru 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone, huma xtraw 1-art in buona fede u bhala proprjetarji assoluti bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm indikati u ghaldaqstant (a) huma bl-ebda mod ma huma soggetti ghall xi kondizzjonijiet naxxenti mnn xi kuntratt li 1-atturi setghu ifirmaw mas-socjeta konvenuta Mace Developments Limited u (b) kwalunkwe azzjoni spettanti lil atturi kellha tigi diretta lil istess Socjeta Mace Developments Limited ghal liema raguni l-esponenti ghandhom jigu liberati mil-osservanza tal-gudizzju.

7. Illi kwantu jirrigwarda t-talbiet attnci ghar-rexxisjoni ta kuntratti u twaqqiegh ta benefikati dan ma hux guridikament sostembbli stante illi kulI ma 1-atturi jistghu jitolbu, jekk wara li ssir divizjom ta 1-istess art u jirrizullta b'xi mod remot xi nvazjoni ta drift ta uzu ta propijeta, jekk fl-ahhar mil-ahhar huwa 1-kaz li 1-atturi ghandhom xi titolu validu skond il-ligi fuq 1-istess art, huwa li jitolbu kumpens skond il-ligi minghand il-vendituri originali taghhom stante illi l-esponenti dejjem agixxew skond il-ligi a bazi ta permessi mahruga mil-Awtoritajiet kompetenti u dan kif jigi stabilit waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. Illi ghall-bqija kwantu jirrigwarda l-esponenti, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghar-ragunijiet surreferiti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Anthony Cutajar u il-P.L Victor Bugeja fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati nominati b'digriet tal-11 ta' Frar 2005 sabiex jirrappresentaw lill-assenti Theresa Azzopardi,ipprezentata fit-22 ta' Marzu, 2005 li permezz taghha eccepew;

1. Illi f'dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Maurice Scifo Diamantino u Mace Developments Limited ipprezentata fit-30 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha eccepew;

Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici ghandha tigi dikjarata dezerta ai termini tal-artikoli 963(1) u 964(1) *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi ma nghalqux il-proceduri bil-miktub fiz-zmien perentorju stipulat fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo, Joseph, Anthony u Nazzareno ahwa Farrugia ipprezentata fil-15 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha eccepew;

Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici ghandha tigi dikjarata dezerta ai termini tal-artikoli 963(1) u 964(1) et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi ma nghalqux il-proceduri bil-miktub fiz-zmien perentorju stipulat fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Novembru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra  processwali.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti qed jeccepixxu illi l-kawza ghandha tigi dikjarata dezera ai termini ta’ l-Artikoli 963 (1) u 964 (1) *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Dawn jghidu hekk;

963 (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 416 u 420 il-procedura bil-miktub f’kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-Qorti ta’ l-ewwel grad, fiz-zmien perentorju ta’ sitt xhur u fil-qorti fi grad ta’ appell fiz-zmien perentorju ta’ sena.

(2) Fil-Qorti tal-ewwel grad iz-zmien jibda ghaddej minn dakinhar tal-presentata tac-citazzjoni.

964 (1) Kull kawza li jkun hemm f’Qorti ta’ gurisdizzjoni civili li wara li tkun giet imressqa ghas-smigh tigi b’ordni tal-Worti diferita *sine die* jew xorta ohra sospiza ghandha titqes bhala dezerta sakemm ma tigix appuntata mill-Qorti fiz-zmien perentorju ta’ sitt xhur minn meta tkun hekk giet differita jew sospiza jew ikun gie presentat rikors f’dak il-perjodu biex tigi appuntata mill-gdid.

Din il-kawza giet prezentata fil-15 ta’ Mejju, 2002 izda fid-29 ta’ Marzu, 2004 meta l-konvenuti kienu ghadhom ma gewx notifikati l-kawza thalliet sine die. Tpoggiet mill-gdid fuq il-lista f’Ottubru 2004 wara rikors li sar mill-atturi u sa issa ghadu

mhux notifikat kulhadd. Ghalhekk il-proceduri bil-miktub fil-fatt ghadhom mhux maghluqa.

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta’ Dicembru, 2005 fil-kawza fl-ismijet Marmista Limited vs Lawrence Cuschieri intqal hekk;

Fil-fehma ta’ din il-Qorti is-sentenza li tista tissejjah gwida (*leading case)* fil-materja hija dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Distinct Conversions Limited vs Joseph Fasanelli et (31 ta’ Jannar, 2003). Fil-fatt il-Qorti ser ticcita parti sostanzjali minn din is-sentenza a skans ta’ ripetizzjoni u ekwivoci;

*.. jekk wiehed jesamina l-imsemmi Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 fl-intier tieghu ghandha ssib risposta cara fis-*

*sub-artikolu tnejn – dik jigifieri li jghid li dan it-terminu jibda jghaddi mid-data tal-presentata tac-citazzjoni. Minkejja pero' dak li tghid il-ligi tal-procedura u tenut kont ta' kif sviluppat dik il-parti tal-procedura rigwardanti x-xorta ta' atti li bihom setghu jinbdew azzjonijiet u kawzi gudizzjari jigifieri b'mod inqas formalistiku u inqas sommarji, il-Qrati taghna hassew li fic-cirkostanzi ghandhom jaghtu interpretazzjoni iktar wiesa izda gusta ta' dan is-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 u dan biex ma tinholoqx xi forma gdida ta' ingustizzja fejn certament ma hemmx lokha.*

*F'sentenza mill-iktar studjata … l-ewwel Qorti ikkunsidrat li meta l-istitut tad-deserzjoni ddahhal fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dan kien originarjament intiz biex japplika biss ghal dawk il-kawzi mressqin bil-forma sollenni, jigifieri bil-procedura tal-libell. Fin-noti dwar il-Prcoedura Civili (ara pagna 1450) il-Professur Caruana Galiizia kien sahansitra tal-fehma li dan l-istitut lanqas kellu japplika ghal kawzi istitwiti bil-procedura sommarja. Kull dubbju li seta' baqa' dwar dan pero' tnehha meta fl-1995, in*

*forza ta' diversi emendi li gew fis-sehh fil-ligi procedurali taghna, fil-waqt li giet eliminata l-forma solenni tal-libell u thalliet minflok dik sommarja tac-citazzjoni, l-istitut tad-deserzjoni ma tnehhiex ukoll. Wara illi kompliet telabora aktar dwar id-diversi fehmiet li gew espressi dwar dawn l-izviluppi kif jittrapelaw minn decizjonijiet varji moghtijin mill-Qrati taghna, l-ewwel Qorti ssottolinjat dan li gej, ma' liema fehma din il-Qorti taqbel perfettament u cioe' li "l-istitut tad-deserzjoni huwa mahsub biex jippenalizza dak l-attur (jew appellant) illi ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat l-attur (jew appellant skond il-kaz) minhabba htigijiet amministrattivi tal-Qorti (ara s-sentenza <u>Azzopardi vs Azzopardi</u> – Prim'Awla 5 ta' Novembru, 1999). Issa fil-qaghada procedurali li tapplika bhalissa, peress li*

*citazzjoni ma tistax tigi notifikata lill-imharrek qabel ma tkun inharget b'ordni tal-Qorti, l-attur ma jistax jigi ikkastigat ghaz-zmien li jkun ghadda bejn meta jkun ressaq l-att tac-citazzjoni u meta dan ikun inhareg b'ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum tal-ewwel smiegh. (ara decizjoni <u>Elmo Insurance Services Limitred vs E Pace</u> – Prim'Awla 14 ta' Lulju, 2000)*

*Jidher li l-gurisprudenza taghna mxiet fid-direzzjoni li waqt li wiehed ghandu jqis b'applikazzjoni ghaz-zmien imsemmi fl-Artikolu 964 (1) huwa dak iz-zmien ta' meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smigh u jinhareg avviz ta' dik id-data (ara <u>Dr K Dingli nomine vs Dr R Porsella Flores nomine</u> – Prim'Awla 16 ta' Frar, 2001).*

*Ghandu jinghad li s'hawn ..il-partijiet kontendenti bejniethom jaqblu. Fejn invece ma jaqblux gej mill-fatt li skond il-parti appellata l-appellanti ma uritx ghaqal bizzejjed biex tadempixxi dak kollu li hemm rikjest minnha fil-ligi tal-procedura, fil-waqt li skond l-appellanti hija mhux biss ghamlet dak kollu possibbli biex tinnotifika lill-konvenuti tempestivament imma fuq kollox*

*is-sub-artikolu (5) tal-Artikolu 963 kif ukoll l-Artikolu 964 (1) sa 967 tal-Kapitolu 12 jipprovdu espressament dimensjoni ohra u usa dwar it-terminu ta' sitt xhur u kif ghandu jitqies ghall-fini ta' deserzjoni. F'kaz simili ghal taghha issostni s-socjeta' appellanti, tali kawza ghandha titqies bhala kawza li tkun qeghdet fuq il-lista tal-kawza ghas-smigh u li in segwitu b'ordni tal-Qorti tkun thalliet sine die u f'dan il-kaz ghandhom japplikaw ghaliha d-disposizzjonijeit ta' l-Artikoli 964 sa 967 tal-Kapitolu 12. Ghas-socjeta' appellanti ghalhekk dak kollu li hemm stipulat fil-ligi fir-rigward tal-kawzi li jkunu marru sine die ghanhu mutatis mutandis jghodd u japplika bl-istess mod ghall-kaz tieghu. Gie rilevat li l-legislatur ghazel li ma jaghmilx distinzjoni bejn kawzi li jitqiesu li marru sine die ghax ma nghalqux il-proceduri bil-miktub fiz-zmien stipulat*

*u dawk il-kawzi li jkunu gew differiti sine die b'digriet tal-Qorti u fejn il-legislatur ma jiddistingwix ma huwiex lecitu li tiddistingwi l-Qorti…*

Il-Qorti tal-Appell qablet ma' dan ir-ragunament u komliet qalet *Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubblicita' tal-lista imsemmija fis-sub-artikoli (1), (2) u (3) ta' l-Artikolu 964 qabel ma jkun hemm is-sanzjoni tad-deserzjoni. Huwa veru li fil-prattika jista' jkun hemm certi diffikoltajiet ghar-registratur biex isegwi l-kawzi kollha pero' fil-verita' lanqas kien obligat li jsegwi l-kawzi bhal dik in disamina bil-mod li kif qed tippretendi s-socjeta' appellanti. Dak li kellu jsir kien li jekk il-Prim'Awla ma riditx thalli l-kawza sine die kif appena intebhet bit-trapass tat-tlett xhur ghall-inqas tigbed l-attenzjoni tar-registratur…*

*Peres li f'din il-kawza allura ma saritx il-pubblikazzjoni mehtiega skond l-Artikolu 964 (1) tal-Kapitolu 12, ma jistax jinghad li l-kawza marret dezerta.'*

Il-Qorti ma ghandhiex x'izzid ma' dan u a bazi ta' din is-sentenza ser tichad l-eccezzjoni ghalkemm ma tistax ma tibbjasimax lill-atturi ghal dan id-dewmien kollu.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti u tordna li l-kawza titkompla. L-ispejjes ta' din l-istanza huma bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------